**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 27 ta' Lulju, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**
**-vs-**
**Clint Zammit, detentur tal-karta tal-identità bin-numri 0572888M**

*Kumpilazzjoni Nru. 745/2019*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Clint Zammit** u ċioè talli:

> Nhar is-27 ta' Settembru, 2019, bejn l-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) waqt li kien fi Triq l-Għarreqin, l-Imdina:
>
> 1. bil-ħsieb li jaghmel delitt wera dan il-ħsieb b`atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u ċioe ta' vettura Chevrolet Matiz bin-numri ta' reġistrazzjoni FCL059, għad-detriment ta' Daniel Fenech KI:0203694M u/jew ta' xi persuna/i oħra, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
>
> 2. u aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħinijiet indikati u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobli u ċioe' għamel ħsara fuq vettura Chevrolet Matiz bin-numri ta' reġistrazzjoni FCL059, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (€2500) iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250) għad-dannu ta' Daniel Fenech KI:0203694M u/jew persuna/i oħra;

> Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula;
>
> Il-Qorti hija ġentilment mitluba ukoll sabiex f'kas ta' ħtija titratta mal-ħati bħala riċediv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu disa' (9) tal-Liġijiet ta' Malta wara li huwa ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill- Qrati tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula.
>
> Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja w li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**Daniel Fenech** spjega kif fis-27 ta' Settembru, 2019, kien ipparkja l-vettura tieghu barra l-Mdina, f'nizla kbira, qabel ma tidhol fil-*parking area* fejn ir-*roundabout*.[1] X'hin spicca mix-xoghol ghal xi hamsa u nofs ta' filghaxija, sab li l-vettura kellha il-hgieg u l-bieba imkissrin u *"Kont sibt it-terminals tal-battery maqlughin, hsibt li kelli l-battery nieqsa imbaghad sirt naf li kemm kelli t-terminals imhollijin biss".* Kienu anke ttiehdulu xi affarijiet zghar bhal bott fwieha w *deodorant.* [2] Ix-xhud ipprezenta stima tal-hsarat[3] liema stima taghti l-valur tal-vettura bhala dak ta' €3,200. L-ghada hadha ghand il-pulizija sabiex isiru ezamijiet ghall-impronti digitali.[4] Dwar il-post li fuqu saru l-hsarat jghid *"I found the door dent and the glass broken from where he tried to enter"* u qabel ma kellhiex daqqiet fuq il-bieba.[5]

---

[1] Fol.78

[2] Fol.75-76

[3] **Dok.DF1** a fol.80-82

[4] Fol.77

[5] Fol.79

Ir-rapport tal-hsarat u senjatament ir-ritratti li jikkontjeni, prezentat minn Fenech, juru l-hsarat mal-pilastru tal-bieba ta' quddiem tal-passigier. Dan ir-rapport jindika li l-vettura in kwistjoni kienet Chevrolet Matiz numru ta' registrazzjoni FCL059 propjeta` ta' Daniel Fenech.[6] B'hekk mhemmx dubbju li l-vettura li sfat bi hsarat kienet dik tax-xhud Fenech.

**PS163 Robert Azzopardi** pprezenta l-**Current Incident Report**[7] li fih hemm deskritt kif certu Daniel Fenech irraporta l-Ghassa tar-Rabat li sab hsarat mal-vettura tieghu. Xi jiem wara l-istess Fenech irraporta li kien sar tbghabis mal-*wiring* tal-*battery*.[8] **PC706 Matthew Caruana** kkonferma l-imsemmi rapport li sar minn Fenech.

L-**Ispettur Matthew Galea** jaghti r-retroxena tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija: *"Nhar is-27 ta' Settembru tas-sena 2019 ghal habta tas-sebgha u ghoxrin ta' wara nofsinhar is-Sur Daniel Fenech detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0203694M irraporta gewwa l-Ghassa tar-Rabat Malta illi aktar kmieni dakinhar ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu kien ipparkja u halla mhux indokratha l-vettura tieghu tal-ghamla Chevrolet Matiz bin-numru tar-registrazzjoni FCL 059. Halliha pparkjatha gewwa Triq l-Gharreqin Imdina maghruf bhala Ditch ta' barra l-Imdina u hekk kif hu rritorna l-istess vettura tieghu dakinhar ghal habta tas-sitta ta' filghaxija sab illi l-vettura kellha hsarat fuq it-tieqa ta' quddiem tan-naha tax-xellug kif ukoll il-bieba ta' quddiem tan-naha tax-xellug. Is-Sur Fenech irraporta ukoll illi sab diversi oggetti spostjati minn fejn hallihom hu minn gewwa l-istess karozza kif ukoll meta mar sabiex jistartja l-karozza skontra diffikultajiet biex jistartja ghax ma startjatlux. Sussegwentement is-Sur Fenech irraport illi terminal wiring tal-battery tal-imsemmija vettura nstabet defused fi kliemu. Minn investigazzjonijiet preliminari rrizulta li ma kienx hemm CCTV footages jikkaverjaw l-area kif ukoll li ma kienx hemm Parker waqt il-hin tal-incident. Jiena ghalhekk gejt infurmat b' dan ir-rapport u tajt struzzjonijiet sabiex il-vettura tigi forensikament ipprocessata hekk kif giet dakinhar stess. Jiena mbaghad gejt infurmat illi l-vettura FCL 059 l-istess vettura kienet irrizultat li kellha prints identifikabbli fuqha liema prints skond rapport bir-referenza FS191423 kodici numru 19CCS mahrug mid-Dipartiment tal-Forensika tal-Pulizija ddikjara li kien hemm positive match fl-Afise System [recte AFIS] u li s-subgha tax-xellug tac-curkett u kif ukoll il-pala tal-id tal-lemin ta' certu Clint Zammit detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 572887M gew imqabla pozittivament mal-istess prints elevati minn fuqi l-vettura. Jiena b' hekk qbadt lis-Sur Fenech sabiex jipprovdili stima tal-hsarat sostnuti waqt dan l-incident fejn tani survey report li ghaddejtu lil Qorti iktar kmieni. L-istima tal-hsarat sostnuta f' dan l-incident jammontaw ghal €681.03c. ...... Tul l-interrogazzjoni tieghu Sur Zammit ghazel li jezercita d-dritt tas-silenzju tieghu ......*

---

[6] Fol.80

[7] **Dok.RA1** a fol.72-74

[8] Fol.70

***Instabet il-fingerprint tas-subgha tax-xellug tac-curkett tal-id ix-xellugija kif ukoll il-pala l-print tal-pala tal-id il-leminija tal-imputat****…. fir-rapport*[9] *li ssottomettejt lil Qorti hemm indikat illi nstab fuq il-bieba tax-xellug tal-passiggier ta' quddiem tal-vettura FCL 059 …. L-attentat ta' serq qed jigi addebitat fl-istess post tal-hsarat volontarji.".*[10]

**WPC365 Edith Borg** tixhed kif giet mghoddija zewg lifters mis-Surgent 826 Matthew Parnis li meta gew processati fis-sistema AFIS ('Automated Fingerprint Identification System') gew mqabbla pozittivament ma l-impronti tal-imputat. Filwaqt li pprezentat ir-rapport taghha,[11] tispjega *"lifter 19CCS301 qabilli mal-pala tal-id il-leminija ta' Zammit Clint id 572888M u tieni wiehed it-tieni lifter 19CCS302 qabbilli mas-subgha tac-curkett tal-id ix-xellugija mal-istess Zammit Clint id 572888M u gie vverifikat mis-Surgent Omar PS 70 Caruana".*[12]

**PS70 Omar Caruana** jikkonferma dawn ir-rizultanzi *"wara li kollega tiegħi WPC365 kellha riżultat pożittiv rigward il-każ, bħala prassi tal-laboratorju aħna niġu mitluba li nagħmlu t-tieni eżaminazzjoni. Sussegwentament nhar l-4 ta' Ottubru 2019 kont erġajt ipproċessajt l-evidenza relatata li kien hemm li huwa żewġ dokumenti li jikkonsisti f'lifters li ġew elevanti minn fuq vettura FCL059 u mill-eżamijiet li għamilt jien irriżulta li dokument 19 CCS 301 kien jaqbel mal-pala tal-id il-leminija ta' Clint Zammit numru tal-identità 572888M u t-tieni dokument 19 CCS302 jaqbel mar-raba suba' taċ-ċurkett tal-id ix-xellugija ta' Clint Zammit id card 572888M.".*[13] Ir-rapport forensiku redatt mill-istess xhud gie wkoll esebit.[14]

**PS826 Matthew Parnis** iddeskriva kif nhar id-29 ta' Settembru, 2019, ghamel ezamijiet ghall-impronti digitali fuq vettura Chevrolet Matiz numru ta' registrazzjoni FCL059 li ttiehdet is-CID yard minn certu Daniel Fenech detentur tal-Karta tal-Identita`numru 203694M.[15] Parnis jghid li nstabu zewg impronti biex b'hekk ipprezenta zewg *lifters*. Dawn l-impronti *"gew elevati minn fuq il-bieba ta' quddiem tan-naha tal-passiggier…it-tnejn mill-istess post".*[16]

**Joseph Mallia**, espert fuq impronti digitali, gie nkarigat jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti misjuba fuq il-vettura ta' Fenech u dawk tal-imputat. Mallia jixhed *"Bhala konkluzzjonijiet ghandi nghid li d-dokument 19CCS301 li kien jigbor fih impronta digitali din giet imqabla pozittivament u ghalhekk*

---

9 **Dok.MG7** a fol. 32-34
10 Fol.46-49
11 **Dok.EB1** a fol.86-93
12 Fol.83-84
13 Fol.95-96
14 **Dok OC1**. A fol. 97-105
15 Fol.107
16 Fol.108. Vide rapport **Dok. MP1** a fol.110- et seq

*kienet **identika ma' parti mill-pala tal-id il-leminija tal-istess Clint Zammit**. Ghar-rigward tad-dokument 19CCS302 li kien jigbor fih ukoll impronti digitali kien hemm impronti li kienu tajbin ghal fini ta' komparazzjoni u ohrajn li ma kinux. Dak li kien tajjeb ghal fini ta' komparazzjoni gie mqabbel pozittivament u ghalhekk gie **maghmul mis-subgha tac-curkett tal-id ix-xellugija tal-istess Clint Zammit**."*[17]

Ikkunsidrat,

Il-pern ta' dan il-kaz jorbot propju mal-post li fuqu nstabu l-impronti tal-imputat. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju dwar il-fatt li l-impronti ta' Zammit instabu fuq il-vettura ta' Fenech, **propju fil-post fejn saru l-hsarat** konnessi mal-isgass, kif jixhdu l-*sketches* maghmulha mis-Surgent Parnis biex jindika minn fejn gew elevati l-*lifters*.[18] Parnis jikkonstata hekk fir-rapport minn tieghu dwar fejn instabu l-impronti: wahda *"fuq il-bieba tal-passiggier ta' quddiem, fil-kantuniera"* u l-ohra *"fuq il-bieba tal-passiggier ta' quddiem vicin il-pum"*.[19]

Fenech ukoll jikkonferma fejn saru l-hsarat, bil-wisq evidenti ghall-Qorti wara li rat s-Survey Report, minn fejn jidher li dawn instabu propju fuq il-bieba fil-post ezatt fejn gew subiti l-hsarat *"hgieg mkisser ….. passenger front door*[20] *…..dent …from where he tried to enter"*.[21]

Ghalhekk mhemmx dubbju li l-hsarat **saru fuq il-pilastru tal-bieba, ezatt fil-post li fuqu nstabu l-impronti.**

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Glenn Bezzina** fejn gie kkunsudrat is-segwenti:[22]

> Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[23] tinstab rassenja ta' gurisprudenza dwar impronti digitali :
>
> "Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:
>
> *"Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni*

[17] Fol.126
[18] Fol.113
[19] Fol.113
[20] Fol.75-76
[21] Fol.79
[22] Per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli, deciza 15.03.2017
[23] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-17 ta' Mejju 2016

*li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".*

*Fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal- Magistrati fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.*

*Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:*

"f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97) gie deciz li:

*"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is <u>the only evidence</u> of identification".* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[24]**.** F'din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja**[25] fejn inghad

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta'prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".*

Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kompliet hekk:

*"Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f'dina is-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta'l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta'l-imputat."*

Illi l-impronti digitali tal-imputat instabu fuq il-bieba tax-xufier minn barra fuq in-naha ta' fuq minn fejn giet mghawwga l-istess bieba.

---

[24] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza 15 ta' Mejju 2013

[25] Deciza 7 ta' Marzu 2002 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali

Fil-fehma tal-Qorti tali prova fin-nuqqas ta' korroborazzjoni sufficjenti ma tista' qatt twassal lil dina l-Qorti ghal konvinciment morali illi l-imputat kien il-malvivent li ikkometta l-istess serqa jew hsara volontarja. Illi ghalhekk certament jezisti ness bejn l-imputat u l-presenza tieghu vicin il-vettura f'xi moment izda dan mhux necessarjament ghaliex kien huwa li kkommetta r-reat u dan jinghad ukoll tenut kont li l-imputat kien jirrisjedi fil-vicinanzi fejn kienet ipparkjata l-vettura w allura l-presenza tieghu fit-triq lanqas m'ghandha mill-inverosimili. Ghaldaqstant tali prova ma tistabilixxi l-ebda ness bejn l-imputat u s-serqa inkwistjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha ssegwenti osservazzjonijiet x'taghmel fis-sentenza minn taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Cini**:[26]

Illi jibda biex jinghad illi l-provi li jitfghu il-htija fuq spallejn l-appellant huma konsistenti unikament fi provi cirkostanzjali bil-prova determinanti fir-rigward tal-ewwel serqa tkun dik tas-sejbien ta' zewg impronti digitali tal-appellant fuq ix-xena tar-reat.

"Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Anthony Abela**" [28.5.1998] li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u fingerprints li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :- "Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq ilpost, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F'dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija.

Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" [7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' "matching points" jew "points of comparison" li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Filprattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment ilquddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbaghtax (14) il-"point of comparison".

**BLACKSTONES - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-**

**"Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics.**

[26] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima, Deciza 27.02.2019; Appell Nru: 116/2013

**See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :**

***"Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....." He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."***

**Fil-fatt lt-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan ilkaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita lidentita' tal-persuna suspettata. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta il-kriterju ta' "14 points of comparison" li skont lesperta nstabu fuq ir-ritratt Dok. 920748000102.[27]"……..**

Ukoll, skont is-sentenza fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs George Spiteri[28] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:

**Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiexdisponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skont illigi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata. L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skont il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi. Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.**

---

27 il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb - Deciza fil-31.08.2016 mill-Onor. Imhallef Dr Joseph Galea Debono (Ref. Nru. 108/06).

28 Ippreseduta mill-Imħallfin Arrigo Noel V., Filletti Joseph A., Vella Patrick

Madankollu skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Cyrus Engerer ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

**'...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.**[29]

Issa fil-kaz in dezamina, ma ngiebet l-ebda prova li turi li jezisti xi xenarju alternattiv li jispjega ghaliex l-imputat kellu jhalli impronti digitali/palmari fuq il-post li fuqu sar sgass ta' vettura; li turi ghal xhiex l-imputat kellu ikun fil-vicinanzi ta' dik il-vettura.

Il-fatt li instabu **zewg** impronti propju fil-post li fuqu kellu jsir sforzi biex tinfetah il-bieba hu prova cirkostanzjali b'sahhitha sew. Anke it-tip ta' impronta li nstabu huma precizament dawk li wiehed mistenni jhalli jekk qed jipprova jisgassa l-bieba, sgass li gie pruvat il-lok ezatt li sar minnu!

Hu ferm determinanti fil-fehma ta' din il-Qorti li l-impronti juru li l-impronta li nstabet fuq il-parti ta' fuq tal-pilastru (*19CCS301*[30]) kienet dik li giet mqabbla posittivament ma ***"identika ma' parti mill-pala tal-id il-leminija tal-istess Clint Zammit, post minn fejn hu mistenni li titqieghed l-id hi u taghmel forza biex tisfrza bieba biex tinfetah!!*** *Ma jghin xejn lid-difiza tal-imputat li l-impronta l-ohra li nstabet fuq in-naha* t'isfel tal-bieba vicin il-hgiega li sfat mkissra, (*19CCS302) giet mqabbla pozittivament* ***mas-subgha tac-curkett tal-id ix-xellugija tal-istess Clint Zammit**."*[31]

**L-impronti misjuba jevidenzjaw kif kellhom jitqeghdu l-idejn biex tigi *forced open* bieba min-naha tal-pilastru, fejn anke t-tip u l-post tal-hsarat sofferti jikkoroboraw is-sejbien tal-impronti fl-istess post li fuqu kien mistenni li jinstabu l-istess impronti tenit kont ta' kif giet sfurzata l-bieba!**

Fenech semma' wkoll kif "*Kont sibt it-terminals tal-battery maqlughin, hsibt li kelli l-battery nieqsa imbaghad sirt naf li kemm kelli t-terminals imhollijin biss*"[32]. Ghalhekk gie pruvat ukoll li kien hemm tentattiv li tinsteraq l-istess vettura li

---

[29] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8.5.2014.
[30] Fol.113
[31] Fol.126
[32] Fol.76

ghandha valur ta' €3,200[33]. Il-Current Incident Report issemmi li Fenech *"wished to add that the terminal wiring connecting to the battery where [sic] defused but left the battery there"*[34] Dan jikkonfermawh PS163 Robert Azzopardi[35] u PC706 Matthew Caruana.[36]

Jirrizulta ghalhekk li l-imputat ma rnexxilux jisraq il-vettura izda lahaq ha biss xi affarijiet zghar mill-vettura. Ghaldaqstant jirrizulta biss it-tentattiv tal-vettura kif ravvizat bl-artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Stabbiliti dawn il-punti ta' dritt tramandati mill-gurisprudenza u id-dottrina, maghduda mar-rizultanzi processwali, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest. Ghaldaqstant jirrizultaw ippruvati l-ewwel zewg imputazzjonijiet.

L-ispettur Galea ipprezenta numru ta' sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat:[37] (i) Sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella fit-12 t'April, 2018, fejn l-imputat gie kkundannat ghal 30 xahar prigunerija dwar serq; (ii) Sentenza moghtija mill-magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras nhar il-5 t'April, 2017, li fiha nghata ordni ta' probation fuq reati relatati ma sustanzi illeciti kif ukoll (iii) Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t'Awissu, 2007 fuq serq fejn l-imputat gie kkundannat ghal tlett snin prigunerija.

Mhemmx dubbju ghalhekk li l-imputat hu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

In konsiderazzjoni tal-piena gie kkunsidrat li t-tieni imputazzjoni serviet bhala mezz ai fini ghall-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti qiset il-karattru refrattarju tal-imputat, tan-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija u tac-cirkostanzi tal-kaz fejn jidher li l-imputat wettaq ir-reati biex jiffinanzja l-vizzju tad-droga afflitt bih.

Fic-cirkostanzi hi l-fehma tal-Qorti li l-imputat jinghata opportunita` ahharija biex jaqbad it-triq it-tajba liema opportunita` izda ser tkun qed tinghata bis-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation. Appena l-imputat jizgarra, l-Qorti ser titratta mieghu w dan il-prospett ghandu jservi biex izomm lill-imputat miexi fit-triq tas-sewwa.

---

[33] Fol.77

[34] Fol.37

[35] Fol.69-70

[36] Fol.115-116

[37] **Dok. AD1–AD3** a fol. 51-68

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 267, 271(g), 278(3), 280(2), 289 u 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib l-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggih taht **ordni ta' probation ghal tlett (3) snin millum**.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni jew jikser l-ordi ta' trattament.

Finalment ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna l-hati ghall-hlas ta' €549.66c rapprezentanti l-ispejjez peritali.

Kopja ta' dina is-sentenza u l-ordni ta' Probation ghandhom jintbghatu lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**